MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2013

Numru. 1050/2013

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Etienne Pace ta` 30 sena, Iben Joseph u Annunziata nee` Muscat, imwieled fis-06 ta` Gunju tal-1983, detentur tal-karta ta` l-identita bin-numru 0305483 u residenti Tal-Grazzia F/H tal-Hlas limiti Qormi / Blk 5, Fl6, Triq id-deheb Fin, Qormi.

Talli;

Bejn it-8 ta` Mejju 2013 u x`xhur ta` wara, kien fil-pusses ta` BBQ li jiswa €700 u li xjentement laqgha ghandu jew xtara meta kien jaf li gej minn serq, mehud b`qerq, jew

akkistat b`reat sew jekk dan sar f`Malta jew barra minn Malta, jew , xjetement b`kull mod li jkun, indahal, biex ibigh jew imexxih meta kien jaf li l-haga kienet gejja minn serq.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement dwar il-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Illi bl-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li ssibu hati u tghaddi minnufih ghas-sentenza. L-imputat ammetta li kien fil-pussess ta' oggett misruq jew akkwistat b'qerq, u pprova jbiegh l-istess oggett fuq is-sit elettroniku Maltapark billi jgib reklam tieghu. Kien b'kumbinazzjoni li sid l-oggett misruq gharaf il-proprjeta' tieghu qed tinbiegh, u sar rapport lill-Pulizija f'dan is-sens. B'hekk saret l-investigazzjoni li wasslet biex jitressaq l-imputat flimkien ma' terz, it-tnejn akkuzati b'ricettazzjoni.

Kwantu ghall-finijiet ta' piena, il-Qorti hi tal-fehma li, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u tal-fatt li l-fedina penali tal-imputat hija wahda kwazi netta, ghandha tigi applikata sanzjoni fil-komunita' fil-konfront tal-imputat, sabiex isservi sew ta' deterrent ghall-futur, kif ukoll tigi pprovduta sorveljanza fuq l-istess imputat.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq Ammissjoni din il-Qorti issib lill-imputat Etienne Pace hati skond l-akkuzi kontra tieghu u ghal daqstant qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fiz-zmien 3 snin taht Ufficjal tal-Probizzjoni skond l-Artikolu 7 tal-Kap 446.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**ANTHONY J. VELLA BA, LL.D., MA**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------